**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2015**

Numru 16

**Rikors Guramentat Nru. 350/2015**

**Jason Attard u Frances Attard**

**vs**

**Joseph Attard u Stella Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-17 ta' April 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti kienu ilhom jaghmlu uzu mill-marka "Herbees" fis-suq lokali fir-rigward ta' servizzi ta' ikel u xorb ghal diversi snin;

2. Illi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni tal-hamsa (5) ta' Novembru elfejn u disgha (2009) huma krew minghand l-intimati l-fond kummercjali li sa dakinhar kien maghruf bhala "Yellow Rock", fi Triq il-Qbajjar, kantuniera ma' Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex;

3. Illi ftit wara li huma krew dan il-fond, huma abilitawh mill-gdid a spejjez taghhom u minn pub ikkonvertewh ghal restaurant, inkluz servizzi ta' take-away, u kif ukoll taw l-isem "Herbees", l-istess isem li huma kienu diga juzaw fil-qasam ta' catering take-away permezz ta' trukkijiet ohra taghhom;

4. Illi huma baqghu juzaw dan l-isem kemm ghar-restaurant u kemm ghat-trukkijiet taghhom;

5. Illi madankollu meta huma gew biex jizgumbraw mill-fond lokatizju fi tmiem il-perjodu kuntrattwali ta' hames (5) snin huma kienu skoprew li l-intimati rregistraw l-isem "Herbees" permezz ta' markju mal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali;

6. Illi din ir-registrazzjoni ggib in-numru 53081 u saret b'effett mit-28 ta' Jannar 2014, kif jidher mic-certifikat ta' registrazzjoni hawn anness bhala Dokument C;

7. Illi r-registrazzjoni ta' dan il-markju saret b'mala fede mill-intimati ghaliex huma kienu diga jafu bid-dritt precedenti taI-esponenti, sabiex jisirqu mill-avvjament Ii kienu diga kisbu r-rikorrenti rigward dan il-markju;

8. Illi di piu dan kollu sar mill-intimati f'cirkustanzi meta huma ma ghandhom assolutament ebda forma ta' konnessjoni jew ftehim mar-rikorrenti sabiex juzaw il-markju taghhom, "Herbees", kemm direttament kif ukoll indirettament, u meta mhux biss l-esponenti ma taw I-ebda kunsens sabiex dan il-markju jigi rregistrat mill-esponenti imma wkoll meta I-intimati espressament kienu rrikonoxxew id-dritt tar-rikorrenti fuq dan l-istess markju;

9. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-invalidita tar-registrazzjoni tat-trademark "Herbees" bin-numru 53081 minhabba Ii

a. Dan it-trademark irregistrat f'isem I-intimati ma sservix sabiex tiddistingwi s-servizzi tal-intimati minn dawk tar-rikorrenti;
b. Dan it-trademark huwa nieqes minn kull karattru distintiv u huwa evidenti li r-registrazzjoni tieghu saret mill-intimati b'mala fede;
c. Din it-trademark hija ta' tali xorta Ii tqarraq bil-pubbliku dwar ix-xorta, jew kwalita jew origini geografika tas-servizzi jew b'kull mod iehor Ii jkun;
d. Ir-registrazzjoni ta' din it-trademark mill-intimati hija ta' xkiel ghall-uzu fil-kummerc mir-rikorrenti tal-markju "Herbees" kif ukoll tar-registrazzjoni f'isimhom ta' dan il-markju fuq ir-Registru tat-trademarks f'Malta;
e. L-intimati qeghdin jew jistghu jinqdew bil-markju u s-sinjal distintiv tar-rikorrenti u dan bi ksur ukoll tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex jaghtu IiI min jara l-markju tal-intimati x'jifhem u x'jahseb Ii hemm konnessjoni mar-rikorrenti;

10. Illi nonostante li r-rikorrenti interpellaw Iill-intimati sabiex jiddesistu milli jaghmlu uzu minn dan il-markju u jirtiraw ir-registrazzjoni tat-trademark bin-numru .... "Herbees", l-intimati naqsu milli jaghmlu dan anzi ghall-kuntrarju bdew isostnu d-dritt taghhom ta' uzu ta' dan il-markju;

11. Ghidu ghalhekk intom konvenuti/intimati ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara illi t-trademark bin-numru "Herbees" invalidu skont I-artikolu 43(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba Ii dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikoli 4(1)(a) u (b), 4(3)(b), 4(4) u 4(6) tal-istess Kap.;
2. Tiddikjara t-trademark bin-numru "Herbees" invalidu skont I-artikolu 43(2) tal-Kap. 416 minhabba Ii dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikolu 6(4)(a).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad- 2015 fl-ismijiet premessi, kif ukoll tal-ittra ufficjali Ii qeghda tigi pprezentata kontestwalment sabiex il-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali jigi mgharraf b'din il-procedura fit-termini tal-artikolu 63 tal-Kap. 416, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ingunt.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra, inkluz kawza ghar-rizarciment tad-danni, spettanti lir-rikorrenti kontra taghkom, inkluz id-dritt li jitolbu wkoll il-ksur tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 u l-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-istess Kap.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-proceduri odjerni u dan stante illi l-eccipjenti qeghdin jipprevalixxu rwiehhom mill-beneficcju tal-privilegium fori lilhom moghti ai termini tal-artikoli 741(c) u 767 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi huma jirrisjedu f'Ghawdex u ghalhekk kwalunkwe proceduri fil-konfront taghhom ghandhom jittiehdu fil-Qorti Ghawdex;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-esponenti dejjem agixxew in bona fide u ghamlu d-debita applikazzjoni taghhom mal-Kontrullur tal-Proprjeta Industrijali, liema applikazzjoni giet milqugha b'effett mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbatax (2014);

3. Illi l-esponenti ilhom jaghmlu uzu minn din il-marka ghal diversi snin kif sejjer jigi evidentement ippruvat fis-smigh ta' dawn il-proceduri;

4. Illi ghalhekk, fuq kollox u interament minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-atturi;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-privilegium fori.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza titratta dwar allegazzjoni ta' invalidita ta' trademark bl-isem 'Herbees' numru 53081 principalment minhabba li dan l-isem kien jintuza mill-atturi qabel ir-registrazzjoni ta' din it-trademark mill-konvenuti. Dan l-isem kien l-isem li l-atturi taw lir-restaurant taghhom f'Ghawdex mikri minghand il-konvenuti hames snin ilu.

L-artikolu 50 tal-Kap. 12 ighid illi:

> il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ... hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk

> il-kawzi l-ohra kollha li l-liġi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti.

U skond l-artikolu 741(c) tal-Kap. 12:

> L-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata -
> (c) meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari.

Kif izid l-artikolu 767 tal-Kap. 12:

> Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta rigward il-Qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-Gzejjer.

Il-privilegium fori jispicca:

1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu indaqs (art. 769);
2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skond il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari (art. 770);
3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (art. 772).

Bhala fatt l-isem 'Herbees' kien jintuza bhala isem ta' restaurant mikri mill-konvenuti li huma residenti Ghawdxin liema restaurant jinsab fil-Gzira ta' Ghawdex.

Ma jidhirx ghalhekk illi tapplika xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal privilegium fori elenkati fl-artikolu 770.

Madankollu din hi kawza ghall-dikjarazzjoni ta' invalidita ta' trademark li skond l-artikolu 14(2) tal-Kap. 416 ghandha tigi istitwita fil-Prim Awla tal-Qorti Civili. Dan jista' jwassal prima facie ghall-eskluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri bhala l-Qorti kompetenti li tista' tisma' l-kawza nonostante li l-konvenuti huma Ghawdxin.

Pero l-artikolu 50(2)(b) tal-Kap. 12 ighid illi l-Qorti tal-Magistrati Ghawdex li ghandha attribuzzjoni Superjuri li bis-sahha taghha, bla hsara ghall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tiehu konjizzjoni ta' dawk illi skond l-artikolu 32 huma ta' kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

L-artikolu 32 ighid li l-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u l-kawzi l-ohra li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom.

L-artikolu 9 dwar il-legislazzjoni sussidjarja12-20 ghal Kap. 12 li jirrigwarda regolamenti dwar il-Qrati meta jitkellem fuq iz-zewg sessjonijiet tal-Qorti Magistrati Ghawdex (Superjuri) jiddistingwi bejn Sezzjoni tal-Familja u Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, fejn fl-ahhar imsemmija jaqghu il-kawzi fil-kompetenza taql-Qorti fil-Gurisdizzjoni Superjuri li mhix assenjati lil Qorti tal-Familja.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi d-dicitura Prim Awla tal-Qorti Civili uzata fil-Kap. 416 ma hix esklussiva ghal Qrati ta' Malta fejn hi uzata dik id-dicitura izda wkoll ghal Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Superjuri) li ghandha l-istess setghet tal-Prim Awla f'materja civili u kummercjali li l-ligi stess ma teskludix permezz ta' ligi ad hoc.

Ghalhekk hi gustifikata l-eccezzjoni tal-konvenuti illi din il-kawza kellha tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha billi l-konvenuti huma residenti Ghawdex a bazi tal-artikolu 767 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-privilegium fori, u tiddikjara ruhha inkompetenti tisma' din il-kawza. Spejjez ghall-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur